# Ġimgħa Għawdex

Kurt Debono

Il-ġurnata jaraha li ma trid tgħaddi b'xejn. Ma jafx kif ħa jaqbad jgħaddi l-ħin. Kemm ħa jdum jitfa' aniżett fil-kafè biex forsi jinsa?

"Ara ħa nixgħel naqra t-televixin," tenna waħdu. Intefa' ċomb fuq is-sufan imġiddem. L-aħħar li naddfitu tindifa kienet il-mara tiegħu. Hekk kif ftakar fiha kien diġà donnu tilef rasu imma kkalma kif seta' u xegħel malajr il-ħabib li kien iqatta' ħafna ħin miegħu kuljum.

Kien diġà beda jiħmar u jisma' t-twerżiq ta' pjaċir tagħha jidwi f'widnejh u jerġgħu jiġuh stampa wara l-oħra tagħhom f'pożizzjoni differenti. F'daqqa waħda qam jiġri minn fuq il-mandra li kien bilqiegħda fuqha u bi twerżiqa li tkexkex anke lil Anton Grasso qaleb il-mejda ta' quddiemu u telaq jiġri jagħti ġo wiċċu b'kemm Alla tah saħħa lejn l-album tat-tieġ.

Dik kienet saret it-terapija tiegħu. Iqatta' ritratt wara ritratt ta' dik il-qaħba. Wara li jġibhom trietaq jagħmilhom ħuġġieġa fl-*ashtray* u jfaqqa' daħka dimunijaka wara l-oħra.

"Hekk, hekk ħu ġo fik ja qaħba tax-xitan!! Nirrak tmut bl-AIDS int u dak il-pufta li qgħadt taħxi minn wara dahri!"

* * *

It-testiera kienet għoddha ħaffret ħofra fil-ħajt hekk kif kienu bdew it-tielet *round* ta' dak il-jum. Il-ħmistax ta' dik il-ġimgħa btala f'Għawdex. Hu kien għadu kif għalaq l-għoxrin u hi t-tmintax. Iltaqgħu kif jiltaqgħu ħafna żgħażagħ tal-lum il-ġurnata.

Raha Paceville, ħareġ magħha f'saħna t'alkoħol u ormoni, tatu l-*mobile* wara biss li kienet bagħbsitlu kull muskolu f'ġismu u rat li ma kellux gramma xaħam żejda fuq żaqqu. Tletin sena wara żaqqu tibda tasal kwarta qablu, iżda hi ma kienx jinteressaha. Daħkitlu, tatu daharha, ħakket miegħu u telqet. U l-mazzun bela' l-ħobż bis-sunnara, ix-xlief u l-qasba b'kollox. Kien irnexxielha u t-tnejn li huma marru jiftaħru ma' sħabhom bil-prova t'Erkule li kienu għelbu.

Xahrejn wara kienu Għawdex iqallgħu l-flus lil tad-durex. Il-kera li qala' sid il-flett kellu jinvestiha f'żejt għas-sodda, injam għat-testiera u spiża żebgħa. M'hemmx x'tagħmel imma, żgħażagħ li jagħmlu parti mill-Ġenerazzjoni Meqrudin kif laqqmuhom Zanzu l-Bidwi u Nena tal-Ħaxix. Huma fi żmienhom bil-libsa sal-art u l-attività matrimonjali kienu jagħmluha kontra qalbhom għax hekk tordnalhom il-Knisja minħabba t-tfal … jaħasra! Vera kien jiddejjaq Zanzu miskin imiss sider Nena u hi miskina kienet tiddejjaq tħoss l-arblu tad-dawl ta' Zanzu, l-iżjed meta kien iqabbdu mal-grid nazzjonali u jobżoq b'kemm għandu saħħa kurrent. Xi dwejjaq! X'tortura Spanjola! X'inkwiżizzjoni! Jitbikkmu kienu!

* * *

Qam, tmattar waħda kif tmiss il-liġi u mar jieħu ftit kafè. Magg nadif ma kienx hemm, u kellu jiġbor wieħed mill-Everest ta' platti maħmuġin li kien hemm fis-sink. Kien kollu skorċa u mtebba' bil-glalen ta' te u kafè li daħlu fih. Fil-qiegħ kien hemm il-fdal tal-ottu li fittet xi xahar u nofs qabel. Laħalħu kemm kemm qala' s-sediment u tefa' l-kafè jagħli ġo fih. Żiedlu tapp aniżett u mar jintefa' fuq il-kompjuter.

Bumm ... bumm ... bumm ...

"Ġa bdew ituha dalgħodu" gemgem minn taħt l-ilsien. "Ilhom ġimgħa bla waqfien!" Kull tqanżiħa ta' pjaċir, kull twerżiqa tat-tfajla u kull taħbita tat-testiera mal-ħajt kienet tfakkar lil tal-ħames sular f'martu.

Kienet ħaditha drawwa li taħdem fit-tard, anke sal-ħdax ta' billejl. Binhar kienet taħdem t'avukatessa ma' kumpanija kbira internazzjonali. U kienet imlaħħqa sew, b'paga komda tant li hu ma kellux bżonn joħroġ jaħdem. Kien jippreferi joqgħod id-dar jagħmel ix-xogħol tad-dar u kultant jikteb xi programm 'l hemm u 'l hawn u jaqla' ewro żejjed. Iżda billejl mhux it-tip ta' riċerka li kien jaħseb hu kienet tagħmel. Mhux riċerka fuq każi passati tal-istess xejra. Iżda riċerka għall-pjaċir ma' ta' fuqha u ħafna drabi ma' xi kollega. U hu kien jibqa' jistennieha b'għatx ta' żiemel sakemm tidħol id-dar u hi dejjem taqtagħhulu bil-perżut.

Nefaħ 'il barra biex itajjar din is-sħaba ta' ħsibijiet u jibda jikkonċentra fuq il-Java li kellu quddiemu.

"Kull ġimgħa ta' kull sajf, Madonna. Qisu Malta m'għandhomx fejn jixxalaw u joqogħdu jitbellhu u jilagħbuha t'Adam u Eva. Kulħadd hawn fuqi għaddej bla nifs, il-ħin kollu jaħ..."

Iżda tisbita kbira tat-testiera u t-twerżiqa tat-tfajla qatgħulu kliemu.

* * *

Eżatt kif stenbħet ħarset lejh u tbissmet.

*Anke rieqed ħelu.*

U qamet mis-sodda bil-mod. Libset il-qmis tiegħu kemm kemm ma tagħmilx *show* lill-ġirien u marret tlesti l-kolazzjon. Kellha idea ta'kolazzjon ġdid f'moħħha, xi ħaġa li ommu żgur qatt m'għamlitlu. Għamlet tazzejn ċikkulata taħraq u tefgħet żewġ gallettini fi plattina. Kif semgħetu jieqaf jonħor daħlet ħdejh fil-kamra bi tbissima fuq wiċċha.

* * *

Kienu ilhom isemmuhielu lil din Jenny fuq is-sit tal-poker li kien jidħol fih tista' tgħid kuljum. Apparentement għandha par qishom żewġt ibżieżaq mimlijin ilma u għal somma żgħira ta' flus tiġi tiċċettja miegħek u bil-*webcam* b'kollox. Imbagħad tgħidilha x'tixtieqha tagħmel u hi titolbok il-flus skont xi tkun ir-rikjesta. Teknikament, hi qatt ma setgħet tirrifjuta għax dik kienet ir-regola prinċipali tas-sit.

Għamel kafè bl-anizett, biex jikkalma ftit, u xegħel il-kompjuter. L-ewwel mara li kien kellem kienet l-istess waħda li kellem l-aħħar. Dik il-qaħba kollha.

"Ma rridx niftakar fiha. Le, le u le. Irrid ingawdiha kif nista' lil dil-famuża Jenny," tbissem waħdu hekk kif illogja fl-internet. Barra li din Jenny hija festa ta' ħelu uman għal għajnejn u għal kull xewqa tal-irġiel, kienet l-unika waħda fuq dan is-sit partikolari li kienet taf tgerfex xi ħaġa bil-Malti.

Fl-aħħar daħal fis-sit, irreġistra wara xkora dagħa, ħallas u beda jistenna lil din Jenny titfaċċa. Dehret prontament fil-ħin li kien hemm miktub u kien ħafif biżżejjed biex jagħfas il-buttuna biex jidħol hu l-ewwel ikellimha.

"Iw' istja!" għajjat huwa u jogħrok idejh.

U fid-daqqa u l-ħin imliet l-iskrin tal-kompjuter. Ċoè, sidirha. Għax dak kien imċaflas mal-kamera tagħha. Kien diġà beda jħoss xi ħaġa tiċċaqlaq fin-Nofsinhar ta'ġismu iżda l-unika ħaġa li ċċaqalqet kienet il-ħabba t'għajnejh hekk kif ċkienet

daqs ras ta' labra u saret ħamra nar. Ħadd, ħadd u ħadd ma kien qallu li wiċċha jixbah lil tal-eks mara tiegħu u beda jħossu jitlef il-paċenzja u jirvilla iżda żamm il-kalma hekk kif għadda pjan minn ġo moħħu.

"Bonġu, Jenny" fetaħ jgħidilha minn bejn snienu.

"Bonġu, Mister" qaltlu hi u tegħmżu. "Fiex nista' naqdik?"

"L-ewwel ħaġa inża' kollox. Irrid narak hekk kif għamlitek il-mummy."

"Mela le. *Twenty euro for that.*"

"Tieħu għoli t-tifla" qal bejnu u bejn ruħu. Imma ma riedx iqarras wiċċu u joħroġ ta' qammiel. Inkella l-pjan li kellu f'moħħu kien ifalli fil-konċepiment tiegħu.

"Mela le, sabiħa," qalilha bi tbissima mqanżħa.

U lanqas leħaq ferrgħalha l-flus li ma bdietx tinża' seduttivament, iżda b'għaġla meqjusa. Għalkemm il-ġurnata kienet twila u kienet għadha żagħżugħa, riedet taqdi kemm jista' jkun il-klijenti. L-Univeristà ma titħallasx waħidha.

Sħabu tax-xogħol kienu qalulu sew. Kienet mazza ta' vera, imma ma setax iħalli dan l-għasel itellfu u kompla jgħidilha:

"Għandek lajter ħdejk?"

"Iva ... għaliex?"

"Ixgħelha u itfa' jdejk fuqha" qalilha bi tbissima sadista.

"Le! *It's painful!*"

"Nirrappurtak u tispiċċa bla xogħol allura? Taf x'inhi r-regola!"

"*Ok, thirty euro then*" qaltlu b'ton rassenjat. "Kemm jista' jgħidli agħar minn hekk? Hekk jew b'hekk kwarta ċans għandu l-iżjed u diġà għaddew għaxar minuti" ħasbet bejnha u bejn ruħha.

"Idejk l-oħra issa! Aħraq idejk l-oħra ja qaħba!" Għajnejh kienu ħomor nar u wiċċu kien vjola bir-rabja li kellu tbaqbaq ġewwa fih. Barra minn hekk kellu r-ragħwa ħierġa minn ħalqu.

U dlonk obdietu. Ma tistax topponi nies imġienen ta' dat-tip. Żewġ minuti baqagħlu.

"Issa jekk tagħmel dan li ħa ngħidlek intik mitt ewro. Tidħlilha? Weġibni malajr u ma tistax tirrifjuta jekk taċċetta! Smajtni?"

"*Yes!*" werżqet. Il-paniku li kellha fuqha, imħallat f'doża qawwija mal-biża' beda jnessiha l-Malti. "X'ma nagħmilx għal mitt ewro?" ħasbet.

"Aqbad borża u orbotha m'għonqok issa! Il-flus tajthomlok! Jew tridni

nirrappurtak, ja qaħba? Qaħba bħalha int! Bħal dik id-demel ta' eks mara!" beda jgħajjat fuq il-*microphone*.

Fortunatament, il-ħin skadielu ftit wara li ġegħelha tagħmel dit-tortura.

* * *

Kif fetaħ għajnejh mill-ewwel induna li mhux qiegħda ħdejh u beda jxomm ir-riħa ta' ċikkulata taħraq fl-arja. Dar lejn il-bieb u sabha hemm, titbissimlu. Newlitlu l-plattina u filwaqt li lissnilha ringrazzjament dar biex ipoġġi kollox fuq il-komodina. Kif dar lura jsib sidirha ċentimetri 'l bogħod minnu bil-ponot weqfin iroddulu l-għodwa t-tajba.

It-testiera reġgħet bdiet tħabbat u ċ-ċikkulata laħqet kesħet. Semgħu lil ta' taħthom isemmi xi ħaġa b'Adam u Eva iżda t-twerżiqa ta' pjaċir tagħha tfietu totalment.

* * *

Dak l-imbierek ta' *Syntax Error* ma setax isib fejn qiegħed u beda jiffrustra ruħu.

"Imma għala? Għala?!"

Sabbat idejh mal-mejda u qam bilwieqfa jippassiġġa.

"Anzi daw' il-boloh waqfu ħaqq għall-qaħbeċ!"

Iżda ma laħaqx spiċċa l-kelma li ma reġax semagħha tingħi.

L-għira u r-rabja mħallta f' *Molotov cocktail* emozzjonali xegħlulu għajnejh ħodor.

"Jekk jerġgħu! Ħaqq għall- ... Jekk jerġgħu jibdew!" għajjat waqt li ġera jfittex taħt is-sodda ...

* * *

Kien sar ħin l-ikel u fis-sitt sular kien hemm riħa taqsam t'għaġin Bolognese, speċjalità kulinarja tal-ġuvni.

"Prosit! X'naqra platt għaġin għamiltli, qalbi!" qaltlu waqt li faqqgħetlu bewsa.

"Ħaġa żgħira, ħaġa żgħira," weġibha, bi tbissima ta' gratitudni fuq xufftejh.

"Ħeqq, ikolli nippremjah lix-chef hux," qaltlu bi tbissima seduttiva. Fid-daqqa u l-ħin qabditu u tefgħetu fl-art.

"X'inhu storbjuż ta' taħtna," qalilha qabel fetaħ is-siparju għal sessjoni oħra.

* * *

Ix-xemx mill-Punent kienet dieħla fil-kċina u waqqgħet fuq l-oġġett iswed li kien hemm fuq il-mejda.

"Issa ż-żejjed kollu żejjed!" għajjat 'il fuq lejn is-sitt sular.

U ħareġ bilġri lejn it-taraġ.

* * *

Kif raha titbaxxa biex iġġib il-karti mill-basket kellu veduta madornali ta' sormha. Ix-xorz abjad li kellha fuqha beda jbati biex iżomm kollox ġewwa. Ħass il-pressjoni tad-demm tispara u f'saħna ta' mument mar għaliha minn wara u tefagħha mal-ħajt. Kienet it-tielet waħda tal-jum, il-ħmistax ta' dik il-ġimgħa. Beda jitqanżaħ iżjed mix-xemx li kienet waslet fi tmiem il-vjaġġ tagħha.

* * *

Tela' t-taraġ tnejn tnejn bir-ragħwa f'ħalqu. Ħares tnejn madwaru u sab il-*flat* li ried. Beda jismagħhom għaddejjin gass mal-pjanċa fis-salott.

*Issa daqshekk! Qażżiżtuni, Madonna, tittorturawni!* qal bejnu u bejn ruħu.

Fetaħ il-bieb bil-mod.

Żgħażagħ stupidi ... mank isakkru ...

Daħal inkiss inkiss u ttawwal fis-salott.

Ra lil martu mal-ħajt b'idejha miftuħin, kemm kemm baxxuta. Id-direttur kien eżatt warajha jżommilha xagħarha waqt li jdaħħal u joħroġ il-membru. Ra sidirha joqmos. Rah jheżżeż snienu flimkien. Ra għajnejha jleqqu fl-estasi. Ra li hu minsi. F'daqqa waħda ra lid-direttur jieqaf bi tqanżiħa żgħira u hi tħanxar twerżiqa nobis hekk kif leħqet il-quċċata tal-pjaċir.

Imbagħad rah u hu għolla jdejh.

* * *

Iż-żagħżugħ t'għoxrin beda għaddej bla waqfien kif raha baxxuta hekk. Kienet f'estasi ta' pjaċir. Eżatt kif tqanżaħ ftit hi bdiet twerżaq.

U mal-"Aaaħħħ!!" ingħaqdu l-bumm u ż-żlieġ mal-kamra. Ma felaħx jiċċaqlaq quddiem dik il-ħmura. Imbagħad ra lil tal-ħames sular iħares lejh u jgħajjat:

"Il-għala qlibthieli?!"

Għafas il-grillu t-tieni darba u t-twerżiq tal-orgażmi nbidel f'taħlita waħda ta' demm u mħuħ mal-*flat* tas-sitt sular.

* * *

Ix-xemx staħbiet taħt ix-xefaq u għosfrot. Il-baħar xorta waħda kompla l-logħba tiegħu. Fl-istess ħin, Zanzu u Nena fetħu kapitlu ieħor fid-diskussjoni Ġenerazzjoni Meqrudin. Kemm ħa jdumu jgħidu fuq il-politika? Fuq id-divorzju? Fuq l-Arriva?